MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Talba Numru. 2394/2003

**Gasan Enterprises Limited**

**Vs**

**Stella Ebeid u Samata Dimond**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm1,036.53c (elf, sitta u tletin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu) rapprezentanti (11) hdax-il kambjala li gew iffirmati mill-konvenuti u li skadew fil-1 ta' Jannar 2003, fil-1 ta' Frar 2003, fil-1 ta' Marzu 2003, fil-1 t'April 2003, fil-1 ta' Mejju 2003, fil-1 ta' Gunju 2003, fil-1 ta' Lulju 2003, fil-1 t'Awissu 2003, fil-1 ta' Settembru 2003, fil-1 t'Ottubru 2003 u fil-1 ta' Novembru 2003 izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi interpellati.
Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 7 t'Ottubru 2003 u tal-parir Lm15.00c (hmistax il-lira Maltin) kontra l-konvenuti u bl-imghax kontra l-istess konvenuti mid-data ta' kull skadenza.

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------